PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2013/0365(COD)**

10.12.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
(COM(2013)0751 – C7-0386/2013 – 2013/0365(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, att delegat adottat skont ir-regolamenti elenkati fil-punti 12, 13, 14, 16 u 18[6a] ta' Taqsima F u fil-punt 21[6b] ta' Taqsima G tal-Anness I għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tkun espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur li jiddekorri min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu it-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi prorogat bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |
| | __________________ |
| | ***[6a] 12. Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet ta' l-istatistika u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93*** |
| | ***13. Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin*** |
| | ***14. Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom*** |
| | ***16. Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani*** |
| | ***18. Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol*** |
| | ***[6b] Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm ftehim informali bejn l-istituzzjonijiet li minħabba n-natura teknika u kumplessa tal-atti delegati fil-qasam tal-ECON il-perjodu ta' skrutinju normali hu ta' tliet xhur, li jista' jiġi prorogat bi tliet xhur oħra. Dan l-arranġament għandu jidher fil-proposta Omnibus attwali.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Anness I - Taqsima G - punt 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva | 21. Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva |

| | |
|---|---|
| 2000/46/KE<br>Artikolu 14(1) | 2000/46/KE<br>Artikolu 14(1)<br>***Artikolu 14(2)*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-għoti ta' setgħa hu marbut mal-ambitu tad-Direttiva u hu marbut fil-qrib mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas, li bħalissa qed tkun rieżaminata. Il-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 14(2) għandhom ikunu atti delegati, kif inhu previst għal miżuri skont l-Artikolu 14(1), għaliex jirrigwardaw atti ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplementaw ċerti elementi mhux essenzjali tad-Direttiva.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Anness II - Taqsima F**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. INTERNAL MARKET AND SERVICES*** | ***imħassar*** |
| ***17. Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE*** | |
| ***Artikolu 14(2)*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-għoti ta' setgħa hu marbut mal-ambitu tad-Direttiva u hu marbut fil-qrib mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas, li bħalissa qed tkun rieżaminata. Il-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 14(2) għandhom ikunu atti delegati, kif inhu previst għal miżuri skont l-Artikolu 14(1), għaliex jirrigwardaw atti ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplementaw ċerti elementi mhux essenzjali tad-Direttiva.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Adattament ta' għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| **Referenzi** | COM(2013)0751 – C7-0386/2013 – 2013/0365(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>18.11.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>18.11.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>19.11.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.12.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Jean-Paul Besset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Wolf Klinz, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Ivana Maletić, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt |